

Brussell, 29 ta' Ġunju 2026
(OR. en)

11267/26

ASIM 41

NOTA TA' TRAŻMISSJONI

minn:	Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur
data meta waslet:	29 ta' Ġunju 2026
lil:	Is-Sa Thérèse BLANCHET, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	COM(2026) 322 final
Suġġett:	RAPPORT TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW, LILL-KUNSILL, LILL-KUMITAT EKONOMIKU U SOĊJALI EWROPEW U LILL-KUMITAT TAR-REĠJUNI Rapport dwar l-evalwazzjoni tan-Network Ewropew dwar il-Migrazzjoni tal-2018-2021

Id-delegazzjonijiet isibu mehmuż id-dokument COM(2026) 322 final.

Mehmuż: COM(2026) 322 final



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 29.6.2026
COM(2026) 322 final

**RAPPORT TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW, LILL-
KUNSILL, LILL-KUMITAT EKONOMIKU U SOĊJALI EWROPEW U LILL-
KUMITAT TAR-REĠJUNI**

Rapport dwar l-evalwazzjoni tan-Network Ewropew dwar il-Migrazzjoni tal-2018-2021

{SWD(2026) 173 final}

1. KUNTEST

In-Network Ewropew dwar il-Migrazzjoni (minn hawn 'il quddiem "EMN", European Migration Network) huwa network ifffinanzjat mill-UE, stabbilit bid-Deċiżjoni tal-Kunsill 2008/381/KE¹ u emendat bir-Regolament (UE) Nru 516/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill², li għandu l-għan li jiġbor u jikkondividi informazzjoni dwar il-migrazzjoni u l-ażil bejn l-istituzzjonijiet tal-Unjoni u l-awtoritajiet u l-istituzzjonijiet tal-Istati Membri bħala rispons għall-ħtiġijiet ta' min ifassal il-politika u partijiet ikkonċernati f'dawk l-oqsma.

L-EMN għandu wkoll l-għan li jappoġġa l-iżvilupp ta' kooperazzjoni Prattika fil-qasam tal-migrazzjoni u l-ażil bejn l-Unjoni u pajjiżi terzi magħżula, inkluż l-iskambju ta' Prattika tajba u informazzjoni permezz tal-konklużjoni ta' arranġamenti amministrattivi.

F'konformità mal-Artikolu 13 tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2008/381/KE, il-Kummissjoni tippreżenta lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali u lill-Kumitat tar-Regġuni, rapport dwar l-iżvilupp tal-EMN, ibbażat fuq evalwazzjoni esterna u indipendenti. Din l-evalwazzjoni tivvaluta l-perjodu ta' 4 snin mill-2018 sal-2021³. Il-perjodu mill-2018 sal-2021 kien ikkaratterizzat mill-pandemija tal-COVID-19 u mir-restrizzjonijiet relatati mal-mobbiltà, li affettwaw id-dinamika tal-migrazzjoni u tal-ażil u ħolqu ħtiġijiet operazzjonali u ta' informazzjoni li kienu qed jevolvu malajr. B'mod parallel, il-Kummissjoni pproponiet il-Patt il-Ġdid dwar il-Migrazzjoni u l-Ażil f'Settembru 2020, li stabbilixxa r-riforma ewlenija ta' politika tal-UE. Il-proposta tal-Kummissjoni dwar il-Patt il-Ġdid kienet element importanti li xpruna l-attivitajiet u l-outputs tal-EMN wara li saret il-proposta. F'termini tal-ambitu ġeografiku, ir-rapport ikopri l-Istati Membri kollha ħlief id-Danimarka, peress li ma tipparteċipax fid-Deċiżjoni tal-Kunsill 2008/381/KE li tistabbilixxi l-EMN li ġiet proposta bħala miżura skont l-Artikolu 66 TKE (issa taħt it-Titolu V tal-Parti Tlieta tat-TFUE), u f'konformità mal-Protokoll dwar il-Pożizzjoni tad-Danimarka. L-evalwazzjoni tkopri wkoll il-Georgia, il-Moldova u n-Norveġja li qed jipparteċipaw fl-EMN bħala osservaturi.

L-evalwazzjoni tiffoka fuq ir-rilevanza, l-effettività, l-effiċjenza, il-koerenza u l-valur miżjud tal-UE tal-EMN. Hija tqis ukoll jekk il-mandat tal-EMN huwiex aġġornat u jekk jaqbilx mal-oġettivi li għalihom ġie stabbilit kif ukoll l-effettività tal-bidliet fil-kamp ta' applikazzjoni tal-attivitajiet. Hija tirrieżamina wkoll il-prattiki ta' ħidma tal-EMN u tal-Fornitur tas-Servizzi tal-EMN, inkluż il-fluss tal-informazzjoni, u tippovdi tagħlimiet meħuda u rakkomandazzjonijiet biex jiġu indirizzati aħjar l-isfidi maħluqa għall-EMN minn ambjent li qed jinbidel b'mod kostanti.

¹ Id-Deċiżjoni tal-Kunsill tal-14 ta' Mejju 2008 li tistabbilixxi Network Ewropew dwar il-Migrazzjoni (2008/381/KE), ĠU L 131 tat-21.5.2008, p. 7.

² Ir-Regolament (UE) Nru 516/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' April 2014 li jistabbilixxi l-Fond għall-Asil, il-Migrazzjoni u l-Integrazzjoni, li temenda d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2008/381/KE u li tħassar id-Deċiżjonijiet Nru 573/2007/KE u Nru 575/2007/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2007/435/KE, ĠU L 150, 20.5.2014, p. 168.

³ Minħabba l-perjodi ta' żmien tal-programmi ta' ħidma tal-EMN (2017-2018, 2019-2020, 2021-2022), l-evalwazzjoni vvalutat ukoll parzjalment id-data tal-programm ta' ħidma 2021-2022, fejn data speċifika għall-2021 kienet inaċċessibbli.

Studju ta' evalwazzjoni indipendenti tal-EMN, li tlesta fl-2024, twettaq minn konsorzju privat f' isem il-Kummissjoni biex jappoġġa u jinforma l-evalwazzjoni. Inġabret evidenza mis-sorsi li ġejjin:

- sħarriġ online tad-29 Punt ta' Kuntatt Nazzjonali (NCPs, National Contact Points) u 555 membru tan-Network ta' Migrazzjoni Nazzjonali;
- tliet intervisti strateġiċi mas-servizzi tal-Kummissjoni u ma' partijiet ikkonċernati oħra fil-livell tal-UE;
- 33 intervista mmirata u 10 intervisti rapidi mad-diversi partijiet ikkonċernati;
- sitt studji tal-każ, li jikkombinaw rieżami tad-dokumenti ma' sitt intervista fi grupp ma' NCPs u ħames gruppi fokali ma' membri ta' networks nazzjonali ta' migrazzjoni;
- workshop b'24 koordinatur tal-NCP;
- riċerka bbażata biss fuq id-dokumentazzjoni.

Il-korp ewlieni ta' evidenza kien jikkonsisti mit-tweġibiet tar-rispondenti tal-istħarriġ. Ir-riżorsi disponibbli pprovdew data rilevanti u evidenza fattwali dwar il-funzjonament tal-EMN, inklużi l-istruttura, il-governanza, l-attivitajiet u l-prodotti tiegħu. L-attivitajiet ta' riċerka fuq il-post għenu biex jinġabar għarfien kwalitattiv dwar kif u għaliex inkisbu riżultati speċifiċi u ġew identifikati tagħlimiet meħuda. Ir-Rapporti Annwali dwar l-Istatus tal-EMN⁴ kienu utli peress li jippreżentaw ħarsa ġenerali dettaljata tal-attivitajiet tal-EMN imwettqa f'sena partikolari. L-affidabbiltà u l-validità tar-riżultati ġew żgurati bl-applikazzjoni ta' triangolazzjoni sistematika tad-data u tal-informazzjoni miġbura kemm permezz ta' sorsi tal-uffiċċju kif ukoll ta' fuq il-post.

Dan ir-rapport huwa ppreżentat lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni, u huwa akkumpanjat minn Dokument ta' Ħidma tal-Persunal li jippreżenta l-eżitu tal-evalwazzjoni.

2. SEJBIET EWLENIN TAL-EVALWAZZJONI

F'termini ta' **effettività**, l-evalwazzjoni sabet li d-dokumenti ta' programmazzjoni ewlenin tal-EMN jirrispettaw u jirriflettu l-oġġettivi tal-bażi legali tiegħu. Dan huwa kkonfermat mill-partijiet ikkonċernati li pperċepew b'mod qawwi li l-azzjonijiet u l-attivitajiet tal-EMN bejn l-2018 u l-2021 irriflettew kif xieraq l-oġġettivi stabbiliti fil-mandat tagħha.

L-EMN ipprova appoġġ lil min ifassal il-politika tal-UE fil-qasam tal-migrazzjoni u l-ażil, li ntuża biex iwieġbu għall-prijoritajiet ta' politika tal-UE, u biex ifasslu u jimplimentaw inizjattivi ġodda ta' politika. Fil-livell nazzjonali, għen biex jiżdied l-għarfien u jittejjeb it-tfassil ta' politika nazzjonali fil-qasam tal-migrazzjoni u l-ażil. L-informazzjoni prodotta mill-EMN tqieset b'mod wiesa' bħala aċċessibbli, komparabbli, li tista' tinqara faċilment, oġġettiva, affidabbli u aġġornata regolarment. Minbarra l-kwalità għolja tagħha, l-informazzjoni prodotta mill-EMN tqieset mill-partijiet ikkonċernati bħala rilevanti għall-politika u li tissodisfa l-ħtiġijiet tagħhom kemm fil-livell tal-UE kif ukoll f'dak nazzjonali.

⁴ https://home-affairs.ec.europa.eu/networks/european-migration-network-emn/emn-publications/emn-status-reports_en.

Titjib sinifikanti fl-aċċess għall-informazzjoni prodotta mill-EMN ġie bit-trasferiment tas-Sistema ta' Skambju ta' Informazzjoni (IES, Information Exchange System) tal-EMN għal pjattaforma ġdida li għenet biex ittejjeb il-prestazzjoni tiegħu⁵.

L-EMN kien involut ma' organizzazzjonijiet internazzjonali għat-tnejjija ta' prodotti u avvenimenti: fl-2020 ġew żviluppati erba' pubblikazzjonijiet⁶ dwar l-impatt tal-COVID-19 f'kooperazzjoni mal-Organizzazzjoni għall-Kooperazzjoni u l-Iżvilupp Ekonomiċi (OECD, Organisation for Economic Co-operation and Development) u waħda fl-2021, f'kollaborazzjoni mal-Aġenzija Ewropea għall-Ażil (EUAA, European Agency for Asylum) u l-Frontex⁷. Barra minn hekk, fl-2021, ġiet organizzata b'mod konġunt konferenza mill-NCP tal-Finlandja f'kollaborazzjoni mal-OECD u mal-Kunsill tal-Ewropa.

L-EMN ikkontribwixxa għat-trawwim tal-kondiviżjoni ta' prattika tajba billi kompli bir-rwol tiegħu bħala faċilitatur biex jippermetti l-aċċess għall-prattika tajba identifikata fl-Istati Membri u l-iskambju ta' informazzjoni dwar il-prattiki ta' migrazzjoni tal-Istati Membri.

Żvilupp importanti fir-relazzjonijiet esterni kien l-involviment tal-EMN ma' pajjiżi terzi matul il-perjodu ta' evalwazzjoni. Fl-2021, il-Georgia u l-Moldova ngħaqdu mal-EMN bħala osservaturi⁸ filwaqt li l-Armenja, il-Montenegro, is-Serbja, u l-Ukrajna esprimew interess li jingħaqdu mal-EMN⁹. Il-Kummissjoni, assistita mill-Grupp ta' Ħidma dwar il-Kooperazzjoni ma' Pajjiżi Terzi (CTC WG, Cooperation with Third Countries Working Group), nediet skambji preliminari ma' dawn il-pajjiżi¹⁰.

Meta l-evalwazzjoni ħarset lejn l-għoti ta' informazzjoni lill-pubbliku ġenerali, hija identifikat ħtieġa għal tisħiħ ulterjuri tar-rwol li kellhom l-NCPs fil-mobilizzazzjoni tas-sħab nazzjonali biex jippromwovu l-attivitajiet tal-EMN, inkluż koordinazzjoni aħjar ma' min ifassal il-politika. L-evalwazzjoni kkonfermat li ż-żieda fl-isforzi biex jittejjeb l-għoti ta' informazzjoni lill-pubbliku ġenerali, inkluż il-produzzjoni ta' materjal li jista' jiġi adattat għal ħtiġijiet nazzjonali speċifiċi, kellha impatt fl-2021¹¹.

F'termini ta' **effiċjenza**, l-EMN tqies bħala finanzjarjament sostenibbli u kosteffettiv u l-finanzjament mill-Fond għall-Ażil, il-Migrazzjoni u l-Integrizzjoni (AMIF, Asylum Migration and Integration Fund) tqies bħala adegwat, filwaqt li l-kostijiet tal-implimentazzjoni tal-EMN kienu proporzjonati għall-benefiċċji. L-NCPs irrapportaw li l-aktar elementi intensivi fir-riżorsi kellhom it-tendenza li jorganizzaw avvenimenti nazzjonali, jipparteċipaw fil-laqgħat

⁵ Fl-2024 twettqet reviżjoni kbira tal-IES, lil hinn mill-perjodu ta' żmien ta' din l-evalwazzjoni.

⁶ Il-pubblikazzjonijiet ta-EMN jipprovdu lil min ifassal il-politika sejbiet u messaġġi ewlenin dwar suġġett speċifiku. L-informazzjoni ppreżentata hija bbażata fuq riżultati minn informazzjoni miġbura u analizzata mill-EMN, pereżempju minn rapporti u studji, jew minn mistoqsijiet ad hoc.

⁷ Il-Kummissjoni Ewropea (2020), EMN Status Report 2020. Disponibbli fuq: https://home-affairs.ec.europa.eu/system/files/2021-11/00_eu_emn_status_report_2020_en.pdf.

⁸ Rapport dwar l-Istatus 2021. Disponibbli fuq: <https://home-affairs.ec.europa.eu/system/files/2023-01/EMN%20status%20report%202021%20final.pdf>.

⁹ Rapport dwar l-Istatus 2021. Disponibbli fuq: <https://home-affairs.ec.europa.eu/system/files/2023-01/EMN%20status%20report%202021%20final.pdf>.

¹⁰ Is-27 laqgħa tal-Bord ta' Tmexxija.

¹¹ L-istrateġija ta' komunikazzjoni tal-EMN tal-2021-2025 u l-impatti tagħha jaqgħu barra mill-qafas ta' żmien ta' din l-evalwazzjoni.

tal-EMN, u jikkontribwixxu għal prodotti tal-EMN bħall-ARMs u l-istudji. Il-partijiet ikkonċernati nnutaw li, filwaqt li ċ-ċiklu annwali tal-għotjiet kien jinvolvi diversi passi amministrattivi u l-allokazzjoni tal-baġit tista' fil-prattika timmaterjalizza wara l-bidu tal-implimentazzjoni, l-NCPs ġeneralment setgħu jipproċedu bl-attivitajiet ippjanati u jwasslu l-outputs kif previst. Barra minn hekk, il-miżuri ta' simplifikazzjoni introdotti fl-2018 biex jagħtu lill-NCPs awtonomija akbar għal aġġustamenti baġitarji żgħar mingħajr approvazzjoni minn qabel appoġġaw implimentazzjoni aktar faċli u kkontribwew għall-effiċjenza ġenerali. Il-finanzjament tal-EMN wera li kien kruċjali biex jiġi żgurat li r-riżultati u l-benefiċċji miksuba min-Network kienu jistgħu jintlaħqu u sostenibbli.

Rigward il-governanza, l-evalwazzjoni kkonfermat li d-diversi komponenti tal-EMN ħadmu f'konformità mal-bażi legali tal-EMN matul il-perjodu analizzat, inkluż l-attendenza fil-laqgħat tal-Bord ta' Tmexxija u t-twettiq tar-rwol tagħhom f'konformità mad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2008/381/KE. Minħabba l-għadd kbir ta' suġġetti li jirriżultaw minħabba l-COVID-19 bħala fattur ewlieni li jaffettwa s-sistema tal-UE tal-migrazzjoni u l-ażil, fl-2021 ġew organizzati żewġ laqgħat addizzjonali tal-Bord ta' Tmexxija. Il-governanza tal-EMN ipprovdiet gwida strateġika u politika sostanzjali lin-Network, li tqies bħala titjib sinifikanti fuq is-sitwazzjoni li nstabet mill-evalwazzjoni preċedenti fl-2015. Madankollu, ġie identifikat ukoll li l-esperti xjentifiċi kienu għadhom mhumiex involuti fl-assistenza tal-Bord ta' Tmexxija, kif meħtieġ fl-Artikolu 4 tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2008/381/KE, u dan ma jimmarka l-ebda progress f'dik il-kwistjoni mill-evalwazzjoni tal-2015.

Il-kompożizzjoni tal-NCPs kienet konformi mad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2008/381/KE u l-evalwazzjoni kkonfermat li huma wettqu l-kompiti tagħhom f'konformità mad-dispożizzjonijiet ta' din id-Deċiżjoni.

Il-kontribut tal-Fornitur tas-Servizzi tal-EMN għall-operat tal-EMN instab li kien effiċjenti u ta' appoġġ, għalkemm ġiet identifikata ħtieġa għal titjib ulterjuri fil-puntwalità tas-sottomissjoni tad-dokumenti, inklużi l-minuti tal-laqgħat.

B'mod ġenerali, l-evalwazzjoni kkonfermat l-adeġwatezza tal-istruttura interna tal-EMN, li ppermettietlu jimmaniġġja b'mod effiċjenti l-attivitajiet tiegħu, kif ukoll livell tajjeb ta' kuxjenza dwar id-distribuzzjoni interna tar-rwoli u tar-responsabbiltajiet.

L-evalwazzjoni sabet li l-attività tal-EMN kienet **koerenti** mal-politika Ewropea dwar il-migrazzjoni u l-ażil, inkluż il-Patt dwar il-Migrazzjoni u l-Ażil u inizjattivi ewlenin magħżula oħra ta' politika dwar il-migrazzjoni. Ir-riżultati tal-EMN biex jappoġġaw it-tfassil tal-politika u biex jinfurmaw lill-pubbliku ġenerali, kienu konsistenti mal-oġġettiv tal-Kummissjoni li tiżgura politiki ġusti u effiċjenti dwar l-ażil, ir-ritorn u l-integrazzjoni, kif ukoll ġestjoni aħjar tal-fruntieri esterni tal-UE. Il-kontribut tal-EMN għall-iffaċilitar tal-kooperazzjoni Prattika u għall-iskambju ta' Prattiki tajbin kien jirrappreżenta għodda importanti għal applikazzjoni aktar ikkoordinata tal-acquis eżistenti tal-UE. Kien utli f'li jiġu promossi l-isforzi għall-armonizzazzjoni tal-implimentazzjoni tal-istandards komuni li jirregolaw il-proċeduri tal-ażil, il-kundizzjonijiet ta' akkoljenza u r-rikonossiment ta' nazzjonali ta' pajjiżi terzi li japplikaw għall-protezzjoni internazzjonali. Il-fehim komuni ta' kwistjonijiet relatati mal-migrazzjoni, kif promoss mill-EMN, appoġġa l-introduzzjoni ta' mekkaniżmu ta' solidarjetà ġdid fl-indirizzar ta' sitwazzjoni ta' pressjoni migratorja. Il-ġbir u l-iskambju ta' informazzjoni

affidabbli u aġġornata appoġġaw l-iżvilupp ta' thejjiya u rispons aħjar għall-kriżijiet, kif ukoll l-iżvilupp ta' mogħdijiet legali ġodda fil-qasam tal-migrazzjoni u l-ażil.

L-EMN ġabar u pprovda informazzjoni rilevanti għad-Direttiva dwar il-Karta Blu tal-UE¹². Rapporti annwali dwar il-migrazzjoni u l-ażil (ARMs, Annual reports on migration and asylum) u skedi informattivi tal-pajjiżi rrapportati kull sena – u bullettini fuq bażi trimestrali – il-miżuri nazzjonali implimentati mill-Istati Membri biex jirregolaw id-dħul u r-residenza tan-nazzjonali ta' pajjiżi terzi. Dan kien konsistenti bis-sħiħ mad-Direttiva, li tistabilixxi l-kundizzjonijiet tad-dħul u tar-residenza tan-nazzjonali ta' pajjiżi terzi għall-finijiet ta' impjegi bi kwalifiki għoljin fl-Istati Membri. Barra minn hekk, l-appoġġ tal-EMN għall-iżvilupp ta' indikaturi tal-migrazzjoni mtejba, f'kollaborazzjoni wkoll ma' korpi rilevanti tal-UE, wera li huwa konsistenti ma' dik id-Direttiva.

L-objettivi u l-attivitajiet tal-EMN instabu wkoll li huma konsistenti ma' dawk tal-pjan ta' azzjoni tal-UE kontra l-faċilitazzjoni ta' immigrazzjoni illegali¹³. Iż-żewġ inizjattivi pprevedew il-ġbir ta' informazzjoni dwar il-faċilitazzjoni ta' immigrazzjoni illegali, l-assistenza lil migranti vulnerabbli kif ukoll kooperazzjoni aktar b'saħħitha ma' pajjiżi terzi biex tiġi miġġielda l-migrazzjoni irregolari. F'dan ir-rigward, bejn l-2018 u l-2021, l-ARMs u l-iskedi informattivi dwar il-pajjiżi tal-EMN inkludew ħarsa ġenerali lejn l-aktar żviluppi reċenti tal-politika nazzjonali dwar il-ġlieda kontra l-faċilitazzjoni ta' immigrazzjoni illegali. L-EMN u l-pjan ta' azzjoni tal-UE appoġġaw il-kooperazzjoni ma' pajjiżi terzi u ma' aġenziji rilevanti tal-UE u l-produzzjoni ta' informazzjoni oġġettiva, aġġornata, affidabbli, rilevanti u komparabbli.

Fil-livell nazzjonali, l-Istati Membri adottaw żviluppi ta' politika fl-oqsma kollha ta' politika koperti mill-EMN bejn l-2018 u l-2021¹⁴.

L-analiżi tal-kooperazzjoni bejn l-EMN u l-aġenziji rilevanti (l-EUAA, Frontex u FRA) uriet grad għoli ta' koerenza u konsistenza fl-objettivi u fl-attivitajiet. Il-bażijiet legali kemm tal-EMN kif ukoll tal-aġenziji jinkludu dispożizzjonijiet speċifiċi mmirati lejn l-evitar ta' trikkib, filwaqt li xorta jtejbu sinerġiji reċiproċi. Barra minn hekk, ir-rappreżentanti mill-aġenziji ġew mistiedna regolarment għal-laqgħat tal-EMN biex titrawwem il-kollaborazzjoni u tiġi evitata d-duplikazzjoni tax-xogħol.

Il-valur miżjud tal-UE tal-EMN ġie rikonfermat matul il-kors tal-evalwazzjoni li wriet li ħafna kisbiet miġjuba mill-EMN ma setgħux jiġu prodotti mingħajr il-ħidma u mingħajr l-appoġġ tiegħu, b'mod partikolari fl-iskambju ta' Prattika tajba u fit-tisħiħ ta' kooperazzjoni

¹² Id-Direttiva (UE) 2021/1883 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Ottubru 2021 dwar il-kundizzjonijiet tad-dħul u tar-residenza ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi għall-fini ta' impjieg bi kwalifiki għoljin, u li tħassar id-Direttiva tal-Kunsill 2009/50/KE, ĠU L 382, 28.10.2021, p. 1

¹³ Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni Pjan ta' Azzjoni tal-UE kontra t-traffikar tal-migranti (2015 - 2020), COM(2015) 285 final.

¹⁴ Il-migrazzjoni legali, il-protezzjoni internazzjonali, il-minorenni mhux akkumpanjati u gruppi vulnerabbli oħra, l-integrazzjoni u l-inklużjoni, iċ-ċittadinanza u l-apolidija, il-fruntieri, il-viżi u Schengen, il-migrazzjoni illegali inkluż il-faċilitazzjoni ta' immigrazzjoni illegali, it-traffikar ta' bnedmin, ir-ritorn u r-riammissjoni, u l-migrazzjoni u l-kooperazzjoni għall-iżvilupp.

stabbli u prattika fost l-Istati Membri, kif ukoll fl-indirizzar tal-ħtiġijiet ta' informazzjoni ta' min ifassal il-politika nazzjonali.

Il-partijiet ikkonċernati affermaw mill-ġdid li l-EMN kien ġab valur miżjud notevoli, inkluż appoġġ dirett għal kooperazzjoni msaħħa kemm fl-Unjoni kif ukoll lil hinn minnha. In-natura stabbli tal-EMN u l-ambitu wiesa' tiegħu għal firxa wiesgħa ta' partijiet ikkonċernati f'kemm is-settur tal-gvern kif ukoll f'dak mhux tal-gvern ħolqu ambjent li fih inbnew ir-relazzjonijiet u li fih setgħet tiżviluppa fiduċja reċiproka fost l-atturi fil-qasam tal-migrazzjoni u l-ażil, kemm fost l-Istati Membri kif ukoll fi hđanhom. L-iżvilupp ta' relazzjonijiet stabbli mal-atturi nazzjonali kien kruċjali biex jinkiseb aċċess għal data fattwali u biex tiġi żgurata l-produzzjoni ta' informazzjoni aġġornata u komprensiva.

L-evalwazzjoni kkonfermat ukoll li l-informazzjoni prodotta mill-EMN kienet tajba ħafna f'termini ta' kwalità, komprensività u rilevanza meta mqabbla ma' sorsi oħra disponibbli fil-livell nazzjonali. L-ebda network ieħor jew l-ebda organizzazzjoni fil-livell tal-UE ma kienet kapaċi toffri l-istess proċeduri strutturati u standards ta' kwalità għall-ġbir u għall-kondiviżjoni tal-informazzjoni, kif ukoll tiżgura l-komunikazzjoni u l-iskambji ta' data fost il-membri kollha tal-EMN. L-EMN tqies mill-maġġoranza tal-partijiet ikkonċernati bħala "punt uniku ta' servizz" għal informazzjoni relatata mal-migrazzjoni li ma hijiex disponibbli xi mkien ieħor. L-evalwazzjoni żvelat ukoll li kieku l-EMN kellu jitwaqqaf, kien ikun diffiċli li jiġi żgurat forniment stabbli tal-attivitajiet u tar-riżultati tiegħu f'livell komparabbli.

Ir-**rilevanza** tal-ENM ġiet ikkonfermata mil-livell għoli ta' allinjament bejn l-ambitu tar-riżultati, il-konferenzi u l-avvenimenti tal-EMN minn naħa waħda, u l-isfidi u l-prijoritajiet fil-qasam tal-migrazzjoni u l-ażil fl-UE, min-naħa l-oħra. Filwaqt li l-oġettivi ewlenin tal-EMN baqgħu l-istess matul il-perjodu ta' evalwazzjoni, l-oġettivi speċifiċi elenkati fil-programmi ta' ħidma tiegħu evolwew, b'fokus dejjem akbar fuq teknoloġiji ġodda u kooperazzjoni msaħħa ma' pajjiżi terzi. Dan il-fokus li qed jevolvi rrifletta l-isfidi emerġenti u l-iżviluppi ta' politika li ffurmaw ix-xenarju tal-UE dwar il-migrazzjoni u l-ażil matul is-snin.

L-allinjament bejn il-fokus tal-prodotti tal-EMN u s-suġġetti ta' prijorità proposti mill-Istati Membri ġie kkonfermat fl-evalwazzjoni. Għalkemm l-EMN instab li huwa adattat għall-iskop fir-rigward tal-ħtiġijiet ta' min ifassal il-politika nazzjonali, ġie kkonfermat biss allinjament parzjali mal-ħtiġijiet tal-pubbliku ġenerali¹⁵.

3. KONKLUŻJONIJIET U TAGĦLIMIET MEĦUDA

L-evalwazzjoni kkonfermat li bejn l-2018 u l-2021, il-prestazzjoni tal-EMN kienet konformi mal-mandat tiegħu u appoġġat l-ilħuq tal-oġettivi tiegħu. L-implimentazzjoni tal-attivitajiet tal-EMN uriet li hija kosteffettiva, inkluż għal attivitajiet ta' valur għoli (avvenimenti nazzjonali u l-parteċipazzjoni fil-laqgħat tal-EMN).

Iż-żieda fl-**effettività** tal-EMN ġiet ikkonfermata wkoll fl-iffukar fuq attivitajiet li jsaħħu l-viżibbiltà tiegħu (permezz tal-preżenza online, il-pubblikazzjonijiet u l-avvenimenti tiegħu).

¹⁵ Sabiex jiġi indirizzat dak in-nuqqas, il-Pjan ta' Komunikazzjoni tal-EMN tal-2021-2025 ippreveda għadd ta' titjib.

Instab li kien meħtieġ tisħiħ ulterjuri ta' dak ir-rwol sabiex is-sħab nazzjonali jiġu mobilizzati aħjar biex jiġu promossi l-attivitajiet tal-EMN.

L-analiżi tal-**effiċjenza** tal-EMN fl-evalwazzjoni ppreżentat sfida dovuta għar-restrizzjonijiet metodoloġiċi rigward id-disponibbiltà ta' data finanzjarja minħabba d-distakk fiż-żmien bejn is-snin ivvalutati u l-perjodu ta' ġbir tal-evidenza, kif ukoll minħabba n-nuqqas ta' data għall-perjodu speċifiku tal-2018-2021, minħabba n-nuqqas ta' allinjament tal-perjodu ta' evalwazzjoni mal-Programmi ta' Ħidma tal-EMN. Dan ġie mitigat billi l-analiżi ġiet ibbażata fuq l-allokazzjonijiet baġitarji u billi ġiet inkluża d-data finanzjarja disponibbli mis-snin 2017 u 2022. Minkejja l-limitazzjonijiet, l-evalwazzjoni kkonfermat li l-finanzjament mill-AMIF kien fil-biċċa l-kbira biżżejjed biex ikopri l-operat tal-EMN u proporzjonat mad-diversi attivitajiet imwettqa mill-EMN. Instab ukoll li l-arkitettura tal-governanza tal-EMN kienet adegwata għall-fini tal-implimentazzjoni tad-diversi attivitajiet skont il-Programmi ta' Ħidma fil-perjodu li qed jiġi evalwat. Barra minn hekk, il-Fornitur tas-Servizzi tal-EMN kellu rwol importanti fl-iżgurar tal-operat bla xkiel tan-Network.

Fil-livell tal-UE, livell għoli ta' **koerenza** bejn l-attivitajiet tal-EMN u l-prijoritajiet ewlenin tal-UE fil-qasam tal-migrazzjoni u l-ażil ġie kkonfermat fl-evalwazzjoni. L-objettivi tal-EMN instabu li huma allinjati mal-inizjattivi rilevanti magħżula meħuda fl-UE matul il-perjodu ta' evalwazzjoni, b'mod partikolari l-Patt dwar il-Migrazzjoni u l-Ażil, id-Direttiva riveduta dwar il-Karta Blu tal-UE, u l-pjan ta' azzjoni tal-UE kontra l-faċilitazzjoni tal-immigrazzjoni illegali. Dawn l-inizjattivi ġew enfasizzati minħabba r-rilevanza diretta tagħhom għall-attivitajiet analitiċi u ta' skambju ta' informazzjoni tal-EMN. L-oqfsa internazzjonali vvalutati kienu limitati mill-mandat tal-EMN, fir-rigward tal-attivitajiet relatati mal-migrazzjoni fi ħdan l-Istati Membri tal-UE u l-pajjiżi osservaturi tal-EMN. L-approċċ komprensiv tal-EMN għall-migrazzjoni nstab ukoll li kien f'konformità b'mod konsistenti mal-ambitu speċifiku tal-azzjoni ta' kull waħda minn dawn l-inizjattivi. L-uniċità tal-prodotti tal-EMN tinsab fl-ispettru wiesa' ta' suġġetti koperti fir-riżultati tanġibbli tiegħu kif ukoll fil-kapaċità li tinġabar id-data u l-informazzjoni direttament mill-Istati Membri, u dan issarraf f'affidabbiltà u f'komparabbiltà oġġla. Fl-aħħar nett, il-kooperazzjoni msaħħa bejn l-EMN u r-rappreżentanti fil-livell tal-UE serviet biex tiżgura li l-għanijiet komuni ma jikkawżaw l-ebda duplikazzjoni tal-isforzi.

Fil-livell nazzjonali, ġie identifikat ukoll livell għoli ta' konsistenza bejn is-suġġetti koperti mir-riżultati tal-EMN u l-iżviluppi tal-politika tal-Istati Membri bejn l-2018 u l-2021. Dan kien primarjament ir-riżultat tal-proċess tal-għażla konsultattiva tal-EMN ta' suġġetti li għandhom jingħataw prijorità fil-prodotti tiegħu, li kien jeħtieġ diversi sensiliet ta' konsultazzjonijiet bejn il-Kummissjoni u l-Istati Membri kemm fil-Bord ta' Tmexxija kif ukoll fl-NCPs li għenu biex iwiegħbu għall-ħtiġijiet ta' diversi partijiet ikkonċernati fil-livell nazzjonali. Il-proċess konsultattiv, karatteristika distintiva tan-Network, kellu d-dgħufija tiegħu fis-sessjonijiet ripetuti ta' konsultazzjoni li jieħdu ħafna ħin. Madankollu, il-kost perċepit tas-sensiliet ta' konsultazzjoni nstab li ngħeleb mill-benefiċċji tal-proċess u l-kunsens milħuq.

L-evalwazzjoni sabet ukoll li r-rispons tal-EMN għall-ħtiġijiet tal-pubbliku ġenerali baqa' qasam li jeħtieġ titjib ulterjuri. L-informazzjoni prodotta mill-EMN, xi drabi kienet ta' natura teknika u għalhekk ma kinitx imfassla b'mod adegwat għall-ħtiġijiet tal-pubbliku ġenerali. Ġie

identifikat ukoll lok għal titjib fil-mod kif ir-riżultati tal-EMN jiġu kondiviżi. Minkejja l-kisba ta' viżibbiltà akbar għall-EMN fil-livell tal-UE, l-attivitajiet ta' kondiviżjoni tal-informazzjoni fil-livell nazzjonali, inkluża l-komunikazzjoni mal-media, urew li huma kemxejn limitati kemm fin-numri kif ukoll fis-sensibilizzazzjoni, u l-komunikazzjoni tal-attivitajiet tal-EMN baqgħet prinċipalment limitata għaċ-ċirku ta' min ifassal il-politika. Sabiex jindirizza dan, fl-2021 l-EMN ħa diversi azzjonijiet immirati lejn it-tiġih tal-komunikazzjoni u l-pubblikazzjoni tal-attivitajiet u r-riżultati tiegħu fost il-pubbliku ġenerali. L-effetti ta' dawn l-isforzi se jiġu analizzati matul l-evalwazzjoni li jmiss tal-EMN.

L-evalwazzjoni kkonfermat li l-EMN għab **valur miżjud tal-UE** notevoli. It-trawwim tal-iskambju u tal-għoti ta' informazzjoni u prattika tajba ta' kwalità għolja u komparattiva fil-qasam tal-migrazzjoni u l-ażil kif ukoll it-tiġih tal-kooperazzjoni prattika fil-politika dwar il-migrazzjoni bejn l-Istati Membri, l-UE u l-organizzazzjonijiet internazzjonali, u fost l-atturi nazzjonali ma setgħux jinkisbu f'livell komparabbli mingħajr l-attivitajiet tan-Network. Barra minn hekk, il-prodotti tal-EMN ikkontribwew għal fehim komuni tal-karatteristiċi ewlenin relatati mal-migrazzjoni fost min ifassal il-politika fl-Istati Membri tal-UE.

Li kieku l-EMN kien twaqqaf, kien ikun diffiċli li tiġi żgurata l-kontinwazzjoni tal-attivitajiet tiegħu, speċjalment l-eżistenza ta' Networks ta' Migrazzjoni Nazzjonali, l-iskambju ta' informazzjoni ma' pajjiżi terzi, u l-produzzjoni ta' rapporti nazzjonali dwar il-migrazzjoni u l-ażil fl-Istati Membri kollha. F'dan il-kuntest, il-bażi legali tal-EMN instabet li kienet adegwata, peress li pprovdiet mandat suffiċjenti li kien akkumpanjat minn riżorsi proporzjonati biex jintlaħqu l-oġġettivi tal-EMN.

L-evalwazzjoni identifikat ħames oqsma fejn se jkun meħtieġ fokus ulterjuri fil-futur biex jittejjeb l-operat tal-EMN kemm fil-livell tal-UE kif ukoll fil-livell nazzjonali. **Il-ħames tagħlimiet meħuda** huma:

- iż-żamma ta' konsistenza sħiħa bejn il-prijoritajiet ta' politika tal-UE li qed jevolvu u l-attivitajiet tal-EMN definiti fil-programmi ta' ħidma;
- l-iżgurar li ċ-Ċentru Konġunt tar-Riċerka (JRC, Joint Research Centre) ikun involut b'mod regolari fil-laqgħat tal-Bord ta' Tmexxija u tal-NCP;
- l-iżgurar li taqsima dwar il-prattiki tajbin nazzjonali tiġi inkluża fl-ARMS u fl-istudji tal-EMN;
- l-iżvilupp ta' linji gwida dwar il-produzzjoni ta' statistika nazzjonali dwar il-migrazzjoni f'kollaborazzjoni mal-Eurostat;
- l-abbozzar ta' strateġija dwar kif jiġu stabbiliti u ġestiti n-Networks ta' Migrazzjoni Nazzjonali.

B'mod ġenerali, l-evalwazzjoni rrikonossiet **il-kontribut pożittiv** tan-Network Ewropew dwar il-Migrazzjoni għall-ħtiġijiet u għall-oġġettivi ta' politika tal-UE dwar il-migrazzjoni. Fil-ħames kriterji kollha evalwati, l-EMN instab b'mod konsistenti li huwa tajjeb, effettiv fit-tweqqif ta' attivitajiet rilevanti, jipprovdri valur miżjud sod tal-UE, jagħmel użu tajjeb u effiċjenti mir-riżorsi disponibbli u b'mod koerenti fil-qafas li jopera fiha. L-emendi li jirrevedu d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2008/381/KE ma għewx proposti mill-evalwazzjoni.